IR-RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa A 42**
* **Il-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù Itaqa' nhar** Data u ħin
**It-Tnejn 28 ta' April 2014 fis-6.30 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Il-Prof. Anthony Griscti Soler | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Membru |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sra Cecilia Bonello | Ċerpersin |
| Is-Sra Etienne Stephania Gatt | Membru |

Il-laqgħa bdiet fis-6.45 pm

Fl-assenza taċ-Ċerpersin Cecilia Bonello, din il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-Viċi Ċerpersin il-Prof. Anthony Griscti Soler.

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A 41**

1.01 Il-Viċi Ċerpersin il-Prof. Anthony Griscti Soler ippropona li l-minuti tas-seduta numru A41 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Virtù jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur Lino Pace Bonello. Il-minuti ġew approvati. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A41

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti A 41** Punti Mqajma mill-minuti A41

2.01 Ma kien hemm l-ebda punt x'jiġi diskuss mill-minuti.

**3.00 Kommunikazzjoni mill-membri** Kommunikazzjoni mill-membri

3.01 Is-Sur Lino Pace Bonello spjega lis-Sindku Charles Azzopardi li waqt il-laqgħa li kellu l-Kumitat Amministrattiv mar-rappreżentanti tal-Mepa, huwa spjega lill- Permessi tal-Mepa



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

uffiċjali tal-Mepa li mhuwiex ġust illi l-Kumitat Amministrattivi jibqgħu jiġu meqjusa fuq l-istess binarju tal-individwi li jissottomettu applikazzjoni mal-Mepa. Dan peress illi ż-żona tal-Virtù hija meqjusa bħala sit arkeoloġiku u għaldaqstant trid issir 'Full Development Application' għal kull xogħol infrastrutturali li jsir f'din iż-żona. Huwa importanti ħafna li din it-tip ta' applikazzjoni ma tibqax tieħu tul ta' żmien biex joħroġilha l-permess peress li l-iskemi li joħroġ il-Gvern kif ukoll l-applikazzjoni tal-Unjoni Ewropea jkollhom *deadline* u għaldaqstant jekk il-proċess biex jinħareġ il-permess mill-Mepa jibqa' kif inhu, ikun impossibbli li l-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù jieħu għotja oħra peress li tilħaq tagħlaq l-iskema.

3.02 Is-Sur Christopher Farrugia saħaq li x-xewqa tiegħu hija li l-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù jkun mudell għall-kumitati amministrattivi l-oħra. Il-pjan huwa li jsir:

*Pjan għall-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù*

- Pjan ta' ġestjoni tat-traffiku
- Pjan tal-enerġija – billi jitbiddlu l-lampi tat-toroq
- Tisbiħ tal-Belvedere
- Tisbiħ tad-Daħla tal-Virtù
- *Outdoor gym* u *playingfield*
- Sigurtà lill-post – l-idea ta' *neighbourhood watch*

Dan kollu ma jkunx possibbli jekk ma napplikawx għas-sejħiet tal-Unjoni Ewropea.

3.03 Is-Sur Christopher Farrugia talab lis-Sindku Charles Azzopardi sabiex il-Kunsill jgħin lill-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù billi jkompli l-bankina li għad fadal fi Triq tal-Virtù kantuniera ma' Triq Francesco Azopardi u dan sabiex din il-bankina tkun kompluta. Is-Sindku għandu jitkellem mas-Segretarju Eżekuttiv dwar din it-talba.

*Talba lill-Kunsill biex titkompla l-bankina fi Triq tal-Virtù*

**4.00 Affarijiet Oħra**

4.01 Saret talba minn resident li joqgħod fi Triq Alessandro Curmi sabiex jagħmel *drop kerb* quddiem il-garaxx tar-residenza tiegħu. Il-Kumitat Amministrattiv ma jsibx oġġezzjoni dment illi l-applikant japplika għall-permessi meħtieġa mal-Mepa u li l-bankina ssir skont ir-regolamenti u l-i*standards* ta' Transport Malta.

*Modifikazzjoni fuq bankina fi Triq Alessandro Curmi*

**5.00** **Data tas-seduta li jmiss**

5.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 26 ta' Mejju 2014 fis-6.30 pm — Data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fis-7.30 pm

**Cecilia Bonello**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**